Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 238/15

**Brincat's Company Ltd (C-5700) (appellata)**

**vs**

**JDS Limited (C-15708)**

**u b'digriet datat 6 ta' Novembru 2015 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjeta` JDS Furniture Ltd (C-15710) (appellanti)**

16 ta' Marzu 2018

1. **Din hija talba għall-ħlas tas-somma ta' €1,272.13 rappreżentanti prezz ta' *spraygun* u aċċessorji tiegħu.**

2. Fl-Avviż tal-24 ta' Marzu 2015 ippreżentat quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, l-attriċi ppremettiet illi l-konvenuta hi debitriċi tagħha fl-ammont ta' €1,272.13 dovuta skont il-fattura nru 15571 datata 27 ta' Diċembru 2011, u liema ammont jirrappreżenta prezz ta' *spraygun* u apparat ieħor mibjugħ lilha fuq talba tagħha stess. Għalhekk talbet lit-Tribunal sabiex:

   (i) Jiddikjara lis-soċjeta` konvenuta bħala debitriċi tagħha fl-imsemmi ammont jew somma verjuri li tista' tiġi deċiża; u

   (ii) Jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallasha tali ammont jew somma oħra verjuri.

   Bl-ispejjeż ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji inkorsi minnha in konnessjoni ta' dan id-debitu, inkluż tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Novembru 2013 (Nru. 2754/13) annessa mal-avviż, u bl-imgħaxijiet legali bl-ogħla rati ai termini tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta mid-data tal-fattura sad-data tal-effettiv pagament.

3. Fir-Risposta tagħha tat-8 ta' April 2015 is-soċjeta` konvenuta JDS Ltd wieġbet biex tgħid illi:

(i) Preliminarjament hija mhix il-leġittima kontradittriċi peress illi r-relazzjoni ġuridika kienet bejn is-soċjeta` attriċi u s-soċjeta` JDS Furniture Ltd (C-15710);

(ii) F' kull każ u b'mod preliminari ukoll, l-azzjoni hija preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2148 tal-Kodiċi Ċivili;

(iii) F'kull każ u mingħajr preġudizzju ukoll, it-talbiet tas-soċjeta` attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta` attriċi peress li hija m'għandha tħallas xejn lis-soċjeta` attriċi.

4. Ukoll fit-8 ta' April 2015 is-soċjeta` konvenuta ippreżentat rikors fejn aċċennat li kienet ġiet notfikata mhux biss b'din il-kawża (Nru 238/2015) iżda wkoll bil-kawża fl-ismijiet "S&R Handaq Ltd vs JDS Ltd" (Nru 237/2015). Spjegat illi ż-żewġ talbiet huma konnessi kemm fil-mertu kif ukoll fid-dritt u għalhekk sostniet li kien hemm lok li dawn jinstemgħu quddiem l-istess ġudikatur *ai termini* tal-Artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk talbet li l-kawża odjerna tinstema' quddiem il-ġudikatur li quddiemu kienet qed tinstema' l-kawża l-oħra.

5. Fl-10 ta' April 2015 ir-rikors intlaqa' u l-kawżi nstemgħu mill-istess ġudikatur.

6. Fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2015 it-Tribunal laqa' t-talba tas-soċjeta` attriċi biex tiġi kjamata fil-kawża s-soċjeta` JDS Furniture Limited. Hija ġiet notifikata bl-atti fil-21 ta' Novembru 2015.

7. Fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2015 id-difensur tal-konvenuta ddikjara illi qiegħed jirrappreżenta wkoll lis-soċjeta` kjamata fil-kawża JDS Furniture Ltd, u ddikjara wkoll li r-risposta li ppreżentat is-soċjeta` konvenuta għandha tapplika ukoll għas-soċjeta` kjamata fil-kawża.

8. Fit-28 ta' Jannar 2016 id-difensuri tal-partijiet qablu li l-provi fil-kawża 237/2015/VG għandhom japplikaw u jgħoddu bħala provi f' din il-kawża odjerna 238/2015/VG.

9. Fis-sentenza li ingħatat fid-29 ta' Settembru 2016, it-Tribunal:

(i) laqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta JDS Ltd li mhijiex il-leġittima

kontradittriċi u konsegwentement illiberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;

(ii) ċaħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili sollevata mis-soċjeta` kjamata fil-kawża JDS Furniture Ltd;

(iii) ċaħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` kjamata fil-kawża in kwantu huma inkompatibbli ma dak fuq deċiż;

(iv) laqa' t-talbiet tas-soċjeta` attriċi fil-konfront tas-soċjeta` kjamata fil-kawża; u konsegwentement

(v) ikkundanna lill-istess soċjeta` kjamata fil-kawża biex tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' €1,272.13 bl-imgħaxijiet skont ma hemm maħsub fl-Artikolu 26A tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta mis-27 ta' Diċembru 2011 sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż fir-rigward tas-soċjeta` konvenuta a karigu tas-soċjeta` attriċi, u l-kumplament a karigu tas-soċjeta` kjamata fil-kawża.

10. B'rikors prezentat fis-7 ta' Novembru, 2016 l-imsejha fil-kawza appellat mis-sentenz u talbet lil din il-qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet u l-aggravji tagħha, u tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` attriċi.

11. **L-aggravju tas-soċjeta` kjamata fil-kawża jirrigwarda l-fatt li t-Tribunal ikkonkluda li l-bejgħ mertu tal-kawża kien wieħed bl-ingrossa u mhux bejgħ bl-imnut**. Hija ssostni invece li l-kontrattazzjoni kienet waħda bl-imnut u li għalhekk, ai fini tal-preskrizzjoni, japplika l-Artikolu 2148(b)[1] u mhux l-Artikolu 2156[2] u li konsegwentement l-azzjoni attriċi hija preskritta. Fir-rikors ghamlet riferenza għall-ġurisprudenza pjuttost estensiva fir-rigward tal-kriterji li jiddistingwu l-bejgħ bl-imnut mill-bejgħ bl-ingrossa, u tenfasizza illi l-każ in eżami effettivament jinkwadra fil-parametri tal-bejgħ bl-imnut in kwantu l-oġġetti mibjugħa lilha mis-soċjeta` attriċi <u>ma kinux fi kwantitajiet kbar</u> (fil-fatt kienu biss *spray gun* wieħed bl-aċċessorji tiegħu), u <u>kienu għall-użu u konsum tagħha</u> (mhux għar-rivendita). Taċċenna għall-fatt li l-fattura li ħarġet is-soċjeta` attriċi (indirizzata lilha: "JDS Furniture") hija datata 27 ta' Diċembru 2011 u li sakemm ġiet kjamata fil-kawża fis-6 ta' Novembru 2015 – kważi erba' snin wara - qatt ma ġiet intimata mis-soċjeta`

[1] Azzjonijiet li jaqgħu bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar.
[2] Azzjonijiet li jaqgħu bil-preskrizzjoni ta' ħames snin.

attriċi.

12. Fir-risposta tagħha tat-3 ta' Awwissu 2017 l-attriċi argumentat li l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż:

- Hija ssostni li l-Artikolu 2148(b) ma japplikax għall-każ odjern. Fir-rigward tal-każistika li għamlet riferenza għaliha s-soċjeta` kjamata fil-kawża biex turi li l-bejgħ in kwistjoni jikkwalifika bħala wieħed bl-imnut, l-appellata targumenta illi l-kriterju li l-bejgħ irid ikun għal-użu u għall-konsum tax-xerrej u mhux għar-rivendita, ma jistax jiġi interpretat b'mod tant "irraġonevoli" li jinkludi wkoll il-bejgħ li jkun sar bejn kummerċjanti.

- Tissottometti illi mhux talli ma japplikax l-Artikolu 2148(b), talli s-soċjeta` kjamata fil-kawża rrinunzjat għal kollox rigward xi tip ta' preskrizzjoni meta r-rappreżentant tagħha John Sammut taħt ġurament viva voce ammetta li kien hemm kreditu dovut u li l-problema tal-ħlas kienet biss minħabba li kienet għadha ma tħallsitx da parti ta' terzi persuni. F' dan ir-rigward hija aċċennat għall-Artikolu 2133 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi li l-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha l-preskrizzjoni kienet bdiet miexja.

**Konsiderazzjoni.**

*Mhux ikkontestat fl-istadju tal-appell li fil-fatt kien hemm bejgħ ta' spraygun:*

13. Jiġi ppreċiżat illi minkejja li l-kjamata fil-kawża kienet qed tikkontesta li effettivament kien hemm "bejgħ" tal-i*spraygun* in kwistjoni u tal-aċċessorji tiegħu[3] (u li kien għalhekk li eċċepiet illi ma kellha xejn xi tħallas lis-soċjeta` attriċi) jidher li mhix qegħda tisħaq aktar fuq dan il-punt f' dan l-istadju tal-appell. Fil-fatt fir-risposta tal-appell tagħha bdiet biex tgħid illi "*l-**bejgħ** mertu tal-kawża kien wieħed bl-imnut u mhux bl-ingrossa*". (enfażi ta' din il-qorti).

[3] Kienet qed tikkontesta li kien hemm bejgħ u fil-fatt fit-trattazzjoni enfasizzat li hija qatt ma ordnat jew talbet li tixtri *spraygun* bl-aċċessorji tiegħu, iżda li kien Gregory Brincat mis-soċjeta` attriċi li kien qabad u ġabu l-fabbrika tagħha meta hija lmentat dwar problema bil-lostru.

*<u>Ġurisprudenza rigward id-distinzjoni bejn bejgħ bl-imnut u bejgħ bl-ingrossa:</u>*

14. Din il-qorti tagħmel riferenza għall-ġurisprudenza fir-rigward tad-distinzjoni bejn bejgħ bl-imnut u bejgħ bl-ingrossa:

15.11.1892 **<u>Attard vs Refalo</u>** (Vol. XIII.294)

*"La legge non definisce I relative concetti del grande o del piccolo commercio all'ingrosso e del commercio al minuto, ma secondo la dottrina, il criterio direttivo per distinguere* ***il grossista dal dettagliatore e' che il primo vende per lo piu' a coloro I quali commerciano della cosa comprata, mentre il secondo vende per lo piu' ai consumatori e in piccolo quantita misurate dal bisogno di costoro****".*

05.06.1951 **<u>John Cini vs Salvatore Debono</u>** (Qorti tal-Kummerċ)

Il-bejgħ kien sar minn "negozjant" u kien jirrigwarda *"kwantitajiet pjuttost rilevanti"* ta' **xgħir u smida** intiżi għall-annimali tal-konvenut u miżmuma minnu għan-negozju tiegħu. Il-Qorti tal-Kummerċ ikkonkludiet li l-bejgħ kien **bl-ingrossa** u mhux bl-imnut.

23.05.1961 **<u>Grazio Debattista vs Michele Galea</u>** (Qorti tal-Kummerċ)

Il-bejgħ kien jirrigwarda **kumpressur tal-arja** li ġie kkonsenjat lill-konvenut. Għall-finijiet ta' preskrizzjoni qamet il-kwistjoni dwar jekk il-bejgħ kienx wieħed bl-imnut. Il-Qorti tal-Kummerċ ikkonkludiet li l-bejgħ **ma kienx bl-imnut** u li għalhekk il-preskrizzjoni applikabbli kienet dik ta' ħames snin mhux ta' tmintax-il xahar. Spjegat li l-liġi tagħna li tirrigwarda l-preskrizzjoni fir-rigward ta bejgħ bl-imnut (illum l-Artikolu 2148(b)) tuża l-kliem "*ta' kredituri*" u mhux "*ta' kummerċjanti*"; ma tużax il-kliem "*merċi"* (merkanzija) biss, imma żżid ukoll il-kliem "*oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli*"; u ma tużax il-kliem "*mibjugħa lil persuna li ma jeżerċitawx il-kummerċ*" imma tuża l-kelma "*bl-imnut*". Spjegat li allura skont il-liġi tagħna wieħed għandu jara biss jekk l-operazzjoni kinitx għall-ingrossa jew bl-imnut, billi l-liġi tagħna tikkunsidra biss il-vendita ta' ħwejjeġ fuq indikati fiha nfisha u l-kwantitattiv fornit biss. **<u>Żiedet tgħid li bl-użu tal-kliem "*bl-imnut*" jidher ċar li tikkontempla lil dawk kollha, kummerċjanti jew le, li jbiegħu oġġetti ta' konsum ġjornaljier, tant lil min hu kummerċjant, kemm</u>**

**lil min mhux**. Kompliet tispjega illi l-espressjoni "*bl-imnut*" talludi bilfors għal ħwejjeġ żgħar; u li dan - li ħaġa tkun ta' entita` żgħira - kien il-motiv li ġiegħel lill-leġislatur jistabbilixxi preskrizzjoni qasira, billi mhix ħaġa solita, u lanqas li wieħed għandu jistenna, li min ibiegħ jagħti kreditu għal żmien twil f'vendita ta' ħwejjeġ żgħar. Qalet li l-bejgħ ta' kumpressur ma jistax jiġi kkunsidrat bħala <u>ħaġa żgħira ta' konsum ġjornalier</u> u għalhekk ma jistax jitqies bħala bejgħ bl-imnut.

26.5.1967 **<u>Emanuele Micallef et proprio et nomine vs Francis Mercieca</u>** (Qorti tal-Appell, Superjuri)

Il-konvenut kien jaħdem l-għamara u meta jonqsu xi ħaġa kien jibgħat lil-lavrant jixtri mill-ħanut tal-attur. Dan kien jinkludi xiri ta' kaxxi vojta tal-injam, ħġieġ, folji *three ply*, imsiemer, ġibs. Il-qorti kkonkludiet li, *"... l-kreditu li jifforma oġġett ta' din l-azzjoni hu għall-prezz ta' oġġetti mibjugħa bl-imnut"*. Għalhekk applikat l-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16. F'din is-sentenza l-qorti qalet li, *"ma jistax jiġi eskluż il-bejgħ bl-imnut anki meta kummerċjant ibiegħ lill-kummerċjant ieħor biex dan jirrivendi"*.

18.01.1993 **<u>Michael Fenech noe vs Piju Camilleri</u>** (Qorti tal-Appell Superjuri)

Il-qorti osservat li *"... dak li jiddetermina n-natura tal-konsenja, ċjoe' jekk hux bl-imnut jew bl-ingrossa, huwa n-negozju partikolari li jkun sar u partikolarment l-ammont involut. Infatti skont il-liġi tagħna kif inhi, huwa possibbli li bejgħ bl-imnut isir mill-grossista wkoll bħal ma hu possibbli li d-dettaljatur f'ċerti ċirkostanzi jbiegħ bl-ingrossa"*.

Il-bejgħ kien jirrigwarda **ħames mitt gallun gas oil** għall-boiler tal-*airconditioning unit* u l-*heater* fid-dar tar-residenza tal-konvenut. Il-Qorti tal-Kummerċ kienet ikkonkludiet illi l-bejgħ kien bl-imnut. Il-Qorti tal-Appell, invece irriteniet illi hawnhekk non si trattava ta' kwantitajiet miżurati skont il-bżonn tal-konsumatur, iżda ta' konsenja kbira ta' gas oil li faċilment setgħet tinxtara fi kwantitajiet iżgħar skont il-bżonn. Qalet li konsenja ta' ħames mitt gallun għall-impjant ta' airconditioning ta' dar ma tistax ħlief titqies bħala waħda **bl-ingrossa.**

06.03.1994 **<u>Paul Abela noe vs Philip Grima</u>** (Qorti Kummerċ)

Il-bejgħ kien jirrigwarda **ħames katusi tal-ilma tax-xita** mixtrija mill-konvenut għall-bżonn tad-djar tiegħu. Il-Qorti tal-

Kummerċ kienet tal-fehma illi dan kien **bejgħ bl-imnut** anke jekk bħala regola l-attur ibiegħ bl-ingrossa u mhux bl-imnut. Il-Qorti ppreċiżat illi, *"A skans ta' ekwivoċi, l-Qorti ma hijiex qegħda tgħid illi wieħed ma jistax jixtri bl-ingrossa, anke jekk il-merkanzija sservi għall-bżonnijiet privati tiegħu u mhux għall-fini ta' negozju, imma qegħda tikkunsidra x-xiri ta' ħames katusi bħala xiri li jista' jsir minn kwalunkwe ħanut tad-dettaljaturi."*

07.11.1997 **<u>Dr Peter Fenech noe vs Medina Food Manufacturing Co Ltd</u>**

(Qorti tal-Appell Inferjuri).

Il-bejgħ kien jirrigwarda **mitt litru żebgħa** sabiex tiġi rinovata l-fabbrika. Irriżulta li s-soċjeta` attriċi hija grossista li tbigħ lill-ħwienet taż-żebgħa (*ironmongers*) u mhux lill-konsumaturi. Wara li l-qorti kkunsidrat il-ġurisprudenza fuq il-kwistjoni tal-kriterji li jiddistingwu l-bejgħ bl-imnut mill-bejgħ bl-ingrossa, irrilevat illi ma setgħetx ma tinnotax illi l-element tal-kwantita`, li jiddistingwi bejgħ *wholesale* (ingrossa) minn dak retail (bl-imnut) ġie sodisfatt. Hija kkonkludiet li l-bejgħ ma kienx wieħed bl-imnut iżda kien wieħed bl-**ingrossa.** Spjegat illi n-negozju bejn il-partijiet ma kienx limitat għall-operazzjoni sempliċi ta' kompro-vendita kif ikun il-każ fil-bejgħ bl-imnut, imma kien jinvolvi element ta' negozju dwar il-kwalita` taż-żebgħa, il-konsistenza tiegħu, il-kapaċita` tiegħu għal ċertu tip ta' xogħol,u pariri da parti tal-venditur dwar kemm kien jinħtieġ żebgħa biex ix-xogħol isir kollu. Osservat li ftehim kien jinkludi li l-kwantita` kbira ta' żebgħa tinxtara f'salt wieħed u li l-kumpratur kien qed jifhem li li l-venditur kien qed jidħol responsabbli versu lejh li l-kwantita` ta' żebgħa mixtrija fuq il-parir tiegħu kienet se tkun adegwata, tant li s-soċjeta` konvenuta kienet qegħda tirrifjuta li tħallas il-bilanċ rappreżentanti l-ammont li kellha tixtri in eċċess ta' dak indikat mis-soċjeta` venditriċi.

05.10.2001 **<u>Paul Formosa vs Salvu Debono</u>** (Qorti tal-Appell Superjuri)

Il-bejgħ kien jirrigwarda **ġebel.** L-attur kien jopera barriera u l-konvenut kien kuntrattur u jieħu l-ġebel mingħandu. Il-Qorti tal-Appell Superjuri kkonkludiet li si trattava ta' **bejgħ bl-ingrossa** u mhux bl-imnut u għalhekk kienet applikabbli l-preskrizzjoni ta' ħames snin. Din il-qorti kellha l-okkażjoni tislet id-distinzjoni bejn bejgħ bl-ingrossa u bejgħ bl-imnut:

*"Fost l-azzjonijiet li huma kolpiti bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar (l-Artikolu 2148) hemm dik tal-kredituri għall-prezz tal-merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ*

*oħra simili mibjugħa bl-imnut (li jista' wkoll jinkludi ġebel). Il-ġurisprudenza tagħna tagħti kriterju direttiv biex wieħed jiddistingwi bejn grossista u dettaljatur u dan hu illi filwaqt* ***li l-grossista aktarx ibiegħ lil min jikkummerċja fil-ħaġa, id-dettaljatur ibiegħ aktarx lill-konsumatur u fi kwantitajiet żgħar miżurati fil-bżonn tal-istess konsumatur, jiġifieri illi kummerċ bl-imnut jikkonsisti fir-rivendità f'partiti żgħar ta' merċi jew derivati lil tal-ħanut jew minutant li jixtri mingħand negozjant. Jidher ċar illi bil-kelma bl-imnut, il-liġi tikkontempla lil dawk kollha kummerċjanti jew le li jbiegħu oġġetti ta' konsum ta' kuljum tant lil min hu kummerċjant kemm lil min mhux.*** *" (Vol. XLV.iii.811).*

*Din il-qorti fil-kawża fl-ismijiet "Giuseppe Borg vs Dr. Giovanni Bonello et nomine" deciza fis-26 ta' Gunju, 1970, irriteniet illi kuntrarjament għal-liġi Taljana u Franċiża, il-liġi Maltija ma kinitx tibbaża d-distinzjoni bejn bejgħ bl-imnut u bejgħ bl-ingrossa fuq jekk min jixtri kienx jew le jinnegozja fl-oġġett minnu mixtri. Il-ġurisprudenza pero` kienet issupplimentat għal dan is-silenzju u kienet tikkunsidra* ***l-grossist bħala wieħed li "per lo piu' vende a coloro che commerciano nella cosa comprata" filwaqt li kienet tikkunsidra lill-minutant bhala dak li "vende per lo piu' ai consumatori e in piccole quantita' misurate dal bisogno di costoro"****. (Vol. XIII.294)*

*Gie ritenut ukoll:- "****Il-kwistjoni distintiva fondamentali tal-bejgħ bl-ingrossa u dak bl-imnut ...... jidher li fil-fatt jirrisjedi fil-kwantitattiv mibjugħ****. Jekk il-kwantitattiv tal-partita ikun fic-cirkostanzi kollha tal-każ u anke miżurat mill-bżonn tax-xerrej zgħir, allura l-bejgħ ikun bid-dettall.""*

17.11.2004 **<u>Joseph Aquilina et noe vs Charles Camilleri</u>** (Qorti Appell, Inferjuri)

Il-bejgħ kien jirrigwarda **magna ta' karozza** lill-konvenut. Il-konvenut argumenta illi si trattava ta' bejgħ bl-imnut in kwantu l-magna inxtrat għall-użu personali tiegħu. L-atturi invece argumentaw illi l-bejgħ ta' magna ta' vettura mhix xi ħaġa ta' kuljum u li tul ħajtu bniedem jixtri oġġett bħal dan ftit drabi biss. Il-Qorti tal-Appell Inferjuri ikkonkludiet illi ladarba l-magna hija ta' karozza, huwa preżunt li din inxtrat ad użu ġjornaljier u biex isservi l-ħtiġijiet personali tal-konvenut u allura jikkwalifika bħala **bejgħ bl-imnut.** *"Dan it-tip ta' bejgħ ma jista' qatt jiġi kkonsidrat bħala wieħed bl-ingrossa, anke tenut rigward tal-ammont involut".*

28.01.2010 **<u>Geranzio Azzopardi vs Carmelo Bezzina et</u>** (Prim' Awla)

Il-bejgħ kien jirrigwarda **vettura kummerċjali li tintuża għall-ġbir tal-iskart domestiku** u fejn il-prezz pattwit kien jinkludi l-kuntratti għall-ġbir ta' skart domestiku li kien jinġarr b' tali vettura. Il-Qorti kkonkludiet li **dan ma kienx bejgħ bl-imnut**:

*"Il-liġi tagħna ma tagħmilx distinzjoni bejn bejgħ bl-imnut u bejgħ bl-ingrossa. Din id-distinzjoni evolviet permezz tal-ġurisprudenza fejn kien stabbilit il-kriterju distintiv ewlieni bejn il-bejgħ bl-imnut u l-bejgħ bl-ingrossa.* ***Infatti fejn il-prezz reklamat huwa għal merce destinata biex terġa' tinbiegħ jew inkella biex tinħadem f'oġġett ieħor (Vol.XXIII.I.909) jew fejn isir bejgħ lil persuni li jagħmlu negozju mill-merce mibjugħa fi kwantita` apprezzabbli, allura dak huwa l-bejgħ bl-ingrossa ("Borg vs Bonello et noe et" – Appell Civili – 22 ta' Gunju 1970).*** *Min-naħa l-oħra il-bejjiegħ bl-imnut vende per lo piu` a compratori e in piccole quantita` misurata al bisogno di costoro (Vol.XXI.III.235 ; Vol.XXI.I.406 u "Grech vs Spiteri et" – Appell – 25 ta' Mejju 2001).*

*Dan premess, meta din il-Qorti tqis il-vendita de quo, taħt l-ebda ċirkostanza, ma jirriżultalha li dak in kwistjoni kien bejgħ bl-imnut sabiex tista' tiġi invokata l-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16. Fil-każ de quo, il-bejgħ kien dak ta' vettura kummerċjali li tintuża fil-ġbir ta' skart domestiku li kien jinġarr minn dik il-vettura. Li allura jfisser li da ma kienx il-każ ta' bejgħ ta' oġġett ta' konsum ta' kuljum jew oġġett che si vende per lo piu' a compratori e in piccole quantita' misurata al bisogno di costoro.*

*Il-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva u għalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilita` taż-żmien preskrittiv, dak id-dubju għandu jmur kontra min ikun eċċepixxa l-preskrizzjoni….."*

05.10.2010 **<u>Aronne sive Ronnie Barbara vs Andrew Schembri</u>** (Prim' Awla)

L-oġġett tal-bejgħ kienet **vettura**. Il-qorti **kkonkludiet illi tali bejgħ ma jistax jitqies bħala bejgħ bl-imnut**. Il-qorti osservat:

*"Generalment, biex wieħed jasal ħalli jiddetermina jekk bejgħ sarx bl-imnut inkella bl-ingrossa wieħed għandu jħares lejn il-bejgħ partikolari u l-għamla tiegħu. Normalment, biex bejgħ jitqies bl-imnut, irid jidher li tali bejgħ kien wieħed magħmul lil konsumatur għall-użu personali tiegħu, filwaqt li, tradizzjonalment, il-bejgħ bl-imnut jingħaraf minn bejgħ bl-ingrossa billi f'dan tal-aħħar il-bejgħ isir lil xerrej li jkun sejjer jagħmel negozju bi jew minn fuq il-ħaġa mixtrija. Imma din m'hijiex regola inflessibbli, minħabba li grossista jista' jagħmel bejgħ bl-imnut, ukoll fejn ix-xerrej ikun kummerċjant ieħor. Madankollu, meta wieħed iqis għamla ta' negozju bħal dak li għamlu bejniethom l-attur u l-imħarrek, wieħed ma jsibx li dan jikkwalifika bħala bejgħ bl-imnut u għalhekk ukoll l-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili ma kienx igħodd għalih".*

28.04.2014 **Bathroom Design Limited vs Frank Paul Sammut et (Qorti tal-Appell, Superjuri)**

Il-każ kien dwar bejgħ u konsenja ta' merkanzija għall-valur ta' iktar minn hamest elef liri Maltin mifrux fuq perjodu ta' zmien. Il-Qorti tal-Appell filwaqt li għamlet riferenza ghas-sentenza **Attard**

**vs Refalo** (Vol. XIII.294), hawn fuq imsemmija, qalet:

> *"Il-konvenuti xtraw il-merkanzija mingħand is-soċjeta attriċi għall-konsum personali tagħhom u mhux biex jerġgħu jibegħuha lil ħaddieħor u jagħmlu negozju minnha. Għalhekk hawnhekk kjarament si tratta ta' bejgħ bl-imnut. Il-fatt li l-konvenuti għamlu 'sensiela twila ta' xiri' huwa totalment irrilevanti. Daqstant ieħor irrilevanti huwa l-fatt kellhomx kont miftuħ jew le".*

15. It-Tribunal ċaħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għaliex qal li l-bejgħ, *"…. ma jistax jiġi kunsidrat bħala wieħed ta' **<u>ħaġa żgħira ta' konsum ġornalier</u>** u għaldaqstant ma jistax jiġi kkunsidrat bħala bejgħ bl-imnut"*.

<u>*Ir-retroxena għall-bejgħ tal-ispraygun in kwistjoni:*</u>

16. Din il-qorti jidhrilha li biex wieħed jifhem aħjar l-isfond wara l-bejgħ tal-*ispray gun* in kwistjoni, huwa opportun li ssir riferenza għall-kawża 237/2015, li kif fuq spjegat, fl-istadju tal-ewwel istanza kienet intlaqgħet it-talba biex tinstema' quddiem l-istess ġudikatur abbażi tal-Artikolu 792 tal-Kapitolu 12. F'dik il-kawża, s-soċjeta` <u>S&R Handaq Ltd</u> (li hija soċjeta` li timmanifattura l-lostru u tbiegħu il-lostru) talbet li s-soċjeta` <u>JDS Ltd</u> tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' €2,597.81 rappreżentanti prezz ta' lostru. Kif ġara f' din il-kawża, kienet fil-fatt ġiet kjamata fil-kawża is-soċjeta` <u>JDS Furniture Ltd</u>. Minħabba li kien hemm xi problema bl-applikazzjoni tal-lostru, Gregory Brincat (rappreżentant tas-soċjeta` S&R Handaq Ltd u wkoll tas-soċjeta` Brincat's Co Ltd) mar il-fabbrika tas-soċjeta` JDS Funiture Limited bl-*ispray gun* in kwistjoni. Gregory Brincat spjega li l-*ispray gun* li kellu John Sammut (ir-rappreżentant tas-soċjeta` intimata u wkoll tal-imsejħa fil-kawża) kien qed jaħdem ħażin iżda wara li nbiddlu n-*nozzles* beda' jaħdem tajjeb, għalhekk staqsih jekk riedx li jieħu lura l-*ispray gun* li kien ġablu (dik mertu tal-kawża). Xehed li Sammut kien qallu li kien lest iżomm tali *spray gun* sabiex ikollu tnejn: wieħed għall-*basecoat* u l-ieħor għall-*finishing.*

<u>*Il-bejgħ tal-ispraygun.*</u>

17. F'dan il-każ in-negozju kien sempliċi bejgħ ta' biċċa għodda (*spraygun*) biex

tintuża mill-appellata fix-xogħol tagħha ta’ produzzjoni ta’ għamara. Kien negozju ta’ darba. Il-liġi tagħna hi differenti minn dik Taljana li fl-artikolu 2955(5) tal-Kodiċi Ċivili tistipula perjodu ta’ sena fir-rigward tad-dritt *"dei commercianti per il Prezzo delle* ***merci vendute a chi non ne fa commercio****"*. Il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana fis-sentenza 26433/14 qalet: *"Non rientrano nell'ambito di applicazione della norma la vendita di cose* ***destinate ad attività produttiva o al commercio al minuto****. Pertanto, la giurisprudenza esclude l'applicabilità della presunzione presuntiva qualora il compratore le destini al commercio con attività di scambio".* Il-liġi Maltija ma tagħmilx distinzjoni bejn bejgħ lill-konsumatur jew begħ lill-kummerċjant biex jużah għall-attivita produttiva tiegħu. Inoltre, ma rriżultax li l-venditur kien qiegħed jaġixxi bhala grossista, bħal per eżempju bejgħ bi prezz ta’ *wholesale*. Fil-fehma tal-qorti l-prezz ta’ €1,272.13 ma jirrendix il-bejgħ bl-ingrossa. Hawn diversi konsumaturi li jixtru għodda u oġġetti b’dak il-prezz għalkemm ma jkunux fil-kummerċ. Il-qorti tikkonkludi li għandha tapplika l-preskrizzjoni skont l-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili.

*Teżi tal-appellata li John Sammut ammetta li l-appellanti hi debitriċi.*

18. L-appellata sssostni li x-xhud Sammut *"… kien qal illi hu kien qed jistenna pagament mingħand terzi persuni (operaturi ta’ Sea Bank Hotel) u li ma kienx ħallsu u kif appena jirċievi ċekk mingħandhom kien lest li jħallas"*. Dwar dan xehed Gregory Brincat, izda dan kien dwar ix-xiri tal-lostru minħgand S & R Ħandaq Limited. Il-lostru mhuwiex l-oggett tal-kawza in eżami izda tal-kawża l-oħra li dwarha għad hemm appell pendenti. Fil-fatt meta xehed Brincat (seduta tal-21 ta’ Mejju, 2015 fil-kawza 237/2015) il-kawzi ma kinux qeghdin jinstemghu flimkien. Imbaghad meta l-istess xhud rega’ xehed fis-seduta tat-28 ta’ Jannar 2016, rega’ xehed dwar il-lostru. Hu minnu li John Sammut fil-kawża 237/2015 xehed:

*"Mistoqsi mit-Tribunal jekk jiena qattx semmejt il-kwistjoni tas-Sea Bank mas-Sur Brincat ngħid illi iva. Pero’ x-xogħol illi ħadna aħna ma kellu x’jaqsam xejn mas-Sea Bank. Pero’ diskors li s-Sea Bank ma kienx iħallasni jiena kont semmejtu"*.

Hawn ukoll japplika l-istess raġunament li sar fil-każ tax-xhud Brincat, fis-sens li f'dak l-istadju x-xhud kien qiegħed jixhed fil-kawża li għandha x'taqsam mal-prezz tal-lostru. F'kull każ lanqas mhemm prova meta dak il-kliem kien l-aħħar intqal lil Brincat.

*Azzjoni hi preskritta.*

19. L-oġġetti nxtraw fis-27 ta' Diċembru, 2011. B'digriet tas-6 ta' Novembru, 2015 JDS Furniture Limited kienet imsejħa fil-kawża. B'applikazzjoni tal-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili altru milli l-azzjoni hi preskritta. Inoltre, wara li l-qorti qrat l-atti tal-kawża 237/2015 tikkonkludi li mhemmx prova ta' interruzzjoni jew rikonoxximent tal-kreditu pretiż mill-attriċi.

**Għal dawn il-motivi, tilqa l-appell u tħassar is-sentenza tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar tad-29 ta' Settembru 2016 u tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u ghalhekk tichad it-talba tas-socjeta attrici. Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-attriċi.**

Anthony Ellul.